**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Gunju, 2018

Rikors Nru : 37/18AL

**A B**
**u**
**C B D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat miz-zewg rikorrent, li permezz tieghu ppremettew :

Illu huma kienu żżewġu f'Malta nhar l-għoxrin (20) ta' Settembru tas-sena elfejn tlieta (2003) u ż-żwieġ tagħhom ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru elf seba' mija u tmienja u ghoxrin tas-sena elfejn u tlieta (1728/2003) (ċertifikat taz-zwieġ hawn anness u mmarkat **Dok A**);

Illi minn dan iż-żwieġ, l-esponenti ma kellhomx tfal;

Illi huma sseparaw permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Spiteri tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012), kopja awtentika tal-istess qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata **Dok B**;

Illi għaldaqstant għaddew iktar minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali tagħhom;

Illi l-esponenti jiddikjaraw li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom;

Illi l-esponenti jiddikjaraw li skont il-kuntratt minnhom iffirmat ma kellu jithallas ebda manteniment minn parti wahda versu l-parti l-ohra;

Illi għaldaqstant l-esponenti jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti mil-liġi biex jingħata d-divorzju;

Illi huma jixtiequ jiddivorzjaw u jaqblu li ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul. Għal dan il-għan huma jiddikjaraw ukoll li qegħdin jagħtu struzzjonijiet konġunti lill-avukat sottoskritt biex jirrappreżenta lit-tnejn li huma f’dawn il-proċeduri;

Talab li l-intimata tghid ghaliex  din il-Qorti m’ghandhiex tippronunzja d-divorzju ta’ bejn A B u C B D u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom maħlul ai termini tal-Artikoli 66A *et seq* tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u dan taħt kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ April, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-affidavit bix-xiehda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-23 ta' Awwissu tas-sena 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.